**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Gunju, 2016**

**Rikors Nru: 157/2016 AF**

**Aaron Scicluna bhala amministratur f'ismu personali tad-ditta A and A Car Imports**

**vs**

**Nazzareno Bartolo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Nazzareno Bartolo li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, intalbet din il-Qorti tirrevoka l-mandat in factum numru 197/2016.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ta' Aaron Scicluna bhala amministratur f'ismu personali tad-ditta A and A Car Imports.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura Nazzareno Bartolo qieghed jitlob it-thassir ta' mandat "in factum" mahrug fil-konfront tieghu minn Aaron Scicluna bil-ghan li jassikura hlasijiet dovuti fuq trasferiment ta' vettura.

Ikkunsidrat illi l-Art. 385 tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

*"(1) Fl-eżekuzzjoni tal-mandati in factum, l-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti għandu jimxi bħal ma jkun ġie ordnat fil-mandat.*

*(2) Il-mandat għandu jkun fih l-ordni li l-eżekutat għandu jiġi meħud il-ħabs, sabiex hemm jinżamm bi spejjeż tiegħu nnifsu, sakemm ma jagħmilx il-fatt ordnat b'sentenza, jew sakemm il-qorti jidhrilha li hu meħtieġ sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni ta' dak il-fatt.*

*(3) Il-mandat m'għandux jinħareġ ħlief b'ordni espressa tal-qorti mogħtija fuq talba magħmula b'rikors mill-kreditur.*

*(4) Il-qorti għandha biss toħroġ il-mandat jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma għandux mezz ieħor ta' eżekuzzjoni."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fil-kuntest gie ampjament kjarit fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-proceduri Bartolo vs Micallef (19 ta' Mejju 2005).

Il-Qorti f'dik is-sentenza issoktat illi:

*"L-artikolu 385 fuq indikat ghadu jaghmilha cara li l-mandat in factum jista' jinhareg f'kaz li d-debitur "ma jaghmilx il-fatt ordnat". Jidher car li dan il-mandat jista' jinhareg biss f'kaz ta' obbligazioni 'di fare' u mhux obbligazzjoni ohra. Fil-ktieb "Introduction to French Law" ta' Amos & Walton (3rd Edit. 1979) intqal (a pagna 138) li "An obligation is a legal bond between two persons in virtue of which one of them is bound, in favour of the other, to do a certain act or to abstain from doing an act or to create a right over a thing are or transfer the ownership*

*of a thing". Hemm kwindi differenza bejn obbligazzjoni li taghti xi haga, u obbligazzjoni li taghmel xi haga, u r-rikorrent f'dan il-kaz gie ikkundannat jaghti xi haga u mhux jaghmel xi haga, u z-zewg obbligazzjonijiet huma konceptwalment u guridikament differenti. Il-mandat in kwistjoni, ghalhekk, ma kellux jigi akkordat."*

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u thassar il-mandat *in factum* numru 197/2016.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn ill-partijiet.

IMHALLEF